V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8566 — Moog Singapor/SIAEC/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 250/06)

1. Fl-24 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha Singapore Airlines Engineering Company Limited ("SIAEC", Singapore), sussidjarja ta' Singapore Airlines Limited ("SIA", Singapor), u Moog Singapore Pte Ltd ("MSPL", Singapore), ultimament ikkontrollata minn Moog Inc. ("Moog", l-Istati Uniti tal-Amerka) jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta (joint venture, "JV") li għadha kif inħolqot permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal SIA: trasport ta' passiġġieri u merkanzija, servizzi ta' inġinerija relatati mas-servizzi ta' trasport bl-ajru u mas-servizzi tat-terminals tal-ajruporti u,

— għal SIAEC: il-forniment ta' servizzi ta' manutenzjoni, tiswija u rikostruzzjoni għal fis-settur ajruspazjali,

— għal Moog: id-disinn, il-manifattura u l-bejgħ ta' prodotti u sistemi ta' kontroll ta' moviment ta' preċiżjoni għas-settur ajruspazjali, ta' difiża, industrijali, tal-enerġija, is-settur marittimi u s-settur mediku,

— għal MSPL: il-forniment ta' servizzi ta' manutenzjoni, tiswija u rikostruzzjoni,

— għall-JV: il-forniment ta' servizzi ta' manutenzjoni, tiswija u rikostruzzjoni għall-prodotti ta' Moog.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2], ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz l-posta, bir-referenza M.8566 — Moog Singapore/SIAEC/JV, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.